# QORTI TA' L-APPELL

## (APPELL MIT-TRIBUNAL GHAT-TALBIET ZGHAR)

## S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 13 ta' Lulju, 2001

**Numru 3**

**Avviz Nru. 787/99 PS**

**Blye Engineering Company Limited**

**vs**

**Vincent Caruana**

**Il-Qorti,**

Rat it-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' mija u disghin lira (LM190) import ta' ghaxar kambjali ta' Lm19-il wahda li skadew kull xahar mill-10 ta' Awissu, 1999, u l-10 ta' Mejju, 1999, (dokumenti minn A sa G) bl-imghax kummercjali mid-data ta' kull skadenza.

Rat ir-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa li:- (a) l-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt u

ghaldaqstant kellhom jigu michuda bl-ispejjez; u (b) li l-air conditioner mibjugh lilu mis-socjeta' attrici ma kienx tal-kwalita' pattwita.

**<u>Decizjone in parte</u>**

Rat id-decizjoni taghha tas-27 ta' Ottubru, 2000, li biha din il-Qorti akkordat lill-konvenut zmien xahar minn dakinhar biex jipproponi l-azzjoni ghar-rexissjoni tal-kuntratt ta' kompro-vendita fit-termini minnu eccepiti fit-tieni eccezzjoni quddiem it-Tribunal, u ddifferiet il-kawza sine die proponibbli b'rikors minn xi parti wara li tkun finalment giet deciza mill-Qorti kompetenti l-kawza li kellu jipproponi l-konvenut fiz-zmien lilu moghti jew, f'kaz li jaghzel li hekk ma jaghmilx, appena jiskadi l-istess terminu inutilment.

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici appellanti tas-7 ta' Dicembru, 2000, li minnu jirrizulta illi t-terminu ta' xahar moghti lill-konvenut kien skada u dan baqa' ma ppropona ebda kawza fit-termini minnu eccepiti quddiem il-Qorti kompetenti. Konsegwentement, kellu jitqies li rrinunzja tacitament ghall-eccezzjoni minnu moghtija. Is-socjeta' attrici appellanti allura talbet illi l-Qorti joghgobha tiehu mill-gdid konjizzjoni tal-kawza bhala azzjoni kambjarja u tiddecidiha.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

It-talba tas-socjeta' appellanti hi korretta u din il-Qorti kellha tagixxi kif jipprovdi s-subinciz (3) ta' l-artiklu 8 ta' l-Att Nru. V ta' l-1955 biex

tiddetermina hi l-mertu skond id-disposizzjonijiet ta' l-istess Att. Ma tirrizulta l-ebda kontestazzjoni da parti tal-konvenut ghall-istqarrija ta' fatt da parti tas-socjeta' attrici li hu ma kienx iddeduca l-pretensjoni tieghu kif moghti l-fakolta' li jaghmel bis-sentenza in parte tas-27 ta' Ottubru, 2000. Din il-Qorti allura setghet tidderimi u tiddeciedi l-mertu fl-azzjoni quddiemha, li llum hi arginata f'wahda prettament kambjarja. Ma tirrizulta l-ebda kontestazzjoni fir-rigward tal-korrettezza formali ta' dawn il-kambjalijiet esebiti, li kopja taghhom giet esebita in atti, u li wkoll dwarhom ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni. Dawn il-kambjalijiet allura jikkostitwixxu prova konkluziva tal-kontenut taghhom u t-talba tas-socjeta' attrici appellanti tirrizulta fondata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' t-talba ta' l-attrici kif dedotta u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta' l-ammont ta' Lm190 rapprezentanti l-import ta' dawn il-kambjalijiet li l-original taghhom kellu jigi konsenjat lill-konvenut debitur appena jissaldahom. L-ispejjez kollha ta' dan l-appell kellhom ikunu a kariku tal-konvenut li kontra tieghu kellhom jiddekorru l-imghax fuq l-ammont dovut skond il-ligi.

Dep/Reg mm